**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D**

**Appell Nru. 101/2016**

**Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2016**

Il-Pulizija

vs

Joseph Casha

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Joseph Casha, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 511774M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Frar, 2015, f'dawn il-Gzejjer naqas li jaghti lil Andrea Casha, is-somma ta' €500 fix-xahar, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-22 ta' Frar, 2016 li biha sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Casha, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appell odjern jirrigwarda biss il-piena kominata mill-ewwel Qorti fuq il-gravami li hija wahda sproporzjonata u eccessiva. Madankollu, il-parte civile xehedet illi hija thallset tal-mantentiment lilha dovut fil-mori;
2. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;
3. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' gimgha detenzjoni u minflok tikkundannah ghal-piena ta' hamsa u ghoxrin euro (€25) ammenda.

Giovanni Grixti

Imhallef